L-Awtorità tax-Xandir
MALTA
Broadcasting Authority

L-Av. Francis Zammit Dimech
Segretarju Ġenerali – Partit Nazzjonalista
Dar Ċentrali
Triq Herbert Ganado
Pieta'

24 ta' Frar, 2021
Ref. 4/21/10

Għażiż Av. Zammit Dimech,

**Ilment mill-Partit Nazzjonalista kontra PBS Ltd rigward rapurtaġġ li xxandar fil-bulettin tal-aħbarijiet tat-18 ta' Jannar, 2021**

Mehmuża ma' din l-ittra għandek issib id-deċiżjoni tal-Awtorità tax-Xandir dwar l-ilment imressaq mill-Partit Nazzjonalista rigward rapurtaġġ fil-bulettin tal-aħbarijiet tat-18 ta' Jannar, 2021.

Inselli għalik,

Frank V Farrugia
Chairman

7 Mile End Road, Hamrun HMR 1719, Malta
Telephone: +356 2201 6000, E-mail: info.ba@ba.org.mt
www.ba-malta.org

**Deċiżjoni dwar ilment mill-Partit Nazzjonalista fil-konfront ta' PBS Ltd rigward l-aħbarijiet tat-18 ta' Jannar 2021**

L-Awtorità kellha quddiemha ilment li tressaq mill-Partit Nazzjonalista dwar il-bulettin tal-aħbarijiet ta' TVM tat-18 ta' Jannar 2021 minħabba li ma xxandarx rapport dwar il-kawża li qed tistema' fil-Qrati dwar il-bejgħ ta' tliet sptarijiet pubbliċi, liema kawża inbdiet mill-ex Kap tal-Partit Nazzjonalista Dr Adrian Delia. Il-Partit Nazzjonalista ilmenta li fl-istess kawża dakinhar kien xehed l-ex Prim Ministru Dr Joseph Muscat f'din il-kawża tal-Vitals.

Għall-Partit Nazzjonalista dehru virtwalment Dr Francis Zammit Dimech u Dr Karol Aquilina, filwaqt li s-Sinjura Norma Saliba u Dr Mark Vassallo dehru għall-PBS.

Dr Karol Aquilina qal li l-PBS ma xandar xejn dwar din il-kawża fl-aħbarijiet tat-18 ta' Jannar 2021 u dak li instema' fil-Qorti dwar il-bejgħ tal-isptarijiet pubbliċi. Qal li din hija kawża li infetħet mill-ex Kap tal-Partit Nazzjonalista Dr Adrian Delia u li dakinhar kien xehed ukoll l-ex Prim Ministru Joseph Muscat u instemgħet dwar il-garanzija li kien għamel il-Gvern u l-kwisjtoni dwar l-istate aid. Dr Aquilina qal li din kienet irrapurtata fuq l-istazzjonijiet u l-media kollha ħlief għal TVM li għażel li jiċċensura kompletament dak li seħħ dakinhar. Qal li dan kien nuqqas min-naħa tal-PBS għaliex qed jaħbi din l-aħbar.

Min-naħa tiegħu Dr Zammit Dimech żied li l-PBS irid jara li qed josserva r-regoli tal-imparzjalità li joħorġu mill-Att dwar ix-Xandir imma wkoll ir-regoli tal-leġislazzjoni Sussidjarja li jiddefenixxu l-valur ta' aħbar.

Għall-PBS, Dr Mark Vassallo qal li ġeneralment il-prassi li għandu l-PBS hija li jirraporta meta tinfetaħ kawża fil-Qorti u meta tingħalaq u qal li ma jistax ikun li jiġu rrapurtati x-xhieda kollha. Dr Vassallo qal li wieħed irid jifhem li hemm limitazzjonijiet ta' kemm stazzjon jista' jirraporta kull xhud f'kull każ. Qal li l-Partit Nazzjonalista qatt ma ilmenta dwar dan minkejja li dejjem kienet din il-prassi. Qal li wara kollox l-editur

għandu r-responsabbilità u d-diskrezzjoni ta' x'jiġi rrapurtat u x'jinkludi fil-bulettini tal-aħbarijiet.

L-Awtorità ħadet konjizzjoni ta' dak li ġie ppreżentat u rat ukoll id-dokumenti u l-filmati relattivi. L-Awtorità qablet li x-xhieda li ta l-ex Prim Ministru kellha valur ta' aħbar. Qablet ukoll li l-kawża nnifisha wkoll kienet kawża importanti u ta' interess nazzjonali u għalhekk il-PBS naqas meta ma xandarx ix-xhieda li kien ta l-ex Prim Ministru f'din il-kawża. Għaldaqstant l-Awtorità qablet li dan l-ilment għandu jiġi milqugħ u bħala rimedju qed tordna lill-PBS biex jaqra sunt ta' din id-deċiżjoni hekk kif ġej :-

F'seduta li inżammet fit-28 ta' Jannar 2021, l-Awtorità kellha quddiemha ilment imressaq mill-Partit Nazzjonalista fil-konfront ta' PBS Ltd u dan wara li TVM naqas li jirraporta l-kawża li kienet qed tinstema' fir-rigward tal-kawża tal- Vitals. Il-Partit Nazzjonalista ilmenta li f'din is-seduta xehed l-ex Prim Ministru Dr Joseph Muscat dwar il-garanzija li kien għamel il-Gvern, liema seduta iżda ma ġietx irrapurtata minn TVM b'kuntrast mar-rapurtaġġ li sar mill-istazzjonijiet u l-media kollha. Il-Partit Nazzjonalista ilmenta li dan kien nuqqas min-naħa tal-PBS u li jmur kontra r-regoli tal-imparzjalità hekk kif definiti fl-Att dwar ix-Xandir u kontra l-Leġislazzjoni Sussidjarja li tiddefenixxi l-valur ta' aħbar.

L-Awtorità qablet li x-xhieda tal-ex Prim Ministru f'din il-kawża kellha valur ta' aħbar u l-PBS naqas meta ma xandarx rapurtaġġ ta' din ix-xhieda li ta Dr Joseph Muscat. Għaldaqstant l-Awtorità laqgħet l-ilment tal-Partit Nazzjonalista u bħala rimedju talbet biex tinqara din is-sunt tad-deċiżjoni.

24 ta' Frar 2021